VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 429 tal-2011

ATT DWAR L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR (KAP. 512)

Regolamenti tal-2011 dwar Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 17 u 18 tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 dwar Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar.

Eżenzjoni għal strumenti speċifiċi mill-applikazzjoni tal-Att. Kap. 512.

2. Mingħajr preġudizzju għal xi obbligu skont xi liġi oħra, il-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar m'għandhomx ikunu japplikaw għal:

(a) strumenti li jimplimentaw leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea, meta l-kontenut tal-istrument ikun imfisser fil-leġislazzjoni;

(b) leġislazzjoni fiskali jew leġislazzjoni maħsuba biex tistabbilixxi miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa; u

(ċ) strumenti li jipprovdu għat-twaqqif ta' miżuri ta' appoġġ għall-intrapriżi, inklużi strumenti li jemendaw strumenti li diġà jeżistu, dwar is-suġġett.